ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St. Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 105**

**L-Erbgħa, 22 ta' Awwissu, 2018**

Il-Kumitat Amministrattiv St. Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija

**ASSENTI PREŻENTI:**

Mario Bartolo – *Chairperson*
Luciano Farrugia – Viċi-*Chairperson*
Norman Clews – Membru
Nicholas Azzopardi – Membru

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Ic-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo ippresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.02pm

**105.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

105.1.1 Kulħadd preżenti għal din il-laqgħa.

**105.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

105.2.1 Il-minuti tal-103 u 104 laqgħa ġew ikkunsidrati bħala moqrija u approvati.

**105.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson**

105.3.1 Is-Sur Bartolo qal li r-road humps għadhom ma sarux minħabba xogħol b' lura mil-Kuntrattur. Is-Sur Robert Buhagiar qiegħed jiġri wara l-Kuntrattur sabiex isiru mil-aktar fis possibbli.

105.3.2 Is-Sur Bartolo qal li xi residenti minn St. Peter qed jilmentaw li n-naħat tagħna m'hawnx ATM u l-iktar waħda viċin hija dik ta' fejn il-Parroċċa fi Triq is-Santwarju. Għalhekk il-Kumitat qabel unanimament li nagħmlu talba mal-BOV sabiex naraw hux possibbli li tiġi installata waħda lejn in-naħat tal-pitch tal-Boċċi.

105.3.3 Ic-Chairman qal li saret it-talba tar-road humps ta' Triq Farfett tal-Fejgel fejn qed nistennew risposta minn Transport Malta.

**105.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;**

105.4 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**105.5 Mozzjonijiet**

105.5.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**105.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

105.6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.35 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-27 ta' Settembru

IFFIRMATA
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-106 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 27 ta' Settembru 2018.

IFFIRMATA
Mario Bartolo
*Chairperson*